MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-24 ta' April, 2015

Talba Numru. 133/2015

**Zammit Nazzareno sive Ronnie**
**ID523350-[M]**

**vs**

**Lecuyer Thomas**
**Passaport Franciz Nru 12AZ61760**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur iddikjara li huwa l-proprjetarju tal-fond 65, Triq il-Karmnu, Sliema, liema fond gie mikri lil Thomas Lecuyer skond kuntratt datat 9 ta’ Gunju, 2014 (kopja hawn annessa u mmarkata Dokument ‘A’); Illi minkejja li huwa telaq mill-fond in kwistjoni huwa baqgha ma hallasx bilanc ta’ kera kif ukoll bilanc tad-dawl u tal-ilma li komplessivament jammontaw ghal elfejn, sebgha mija, tmienja u ghoxrin ewro, hamsa u erbghin centezmu (€2,728.45c); Ghaldaqstant l-esponenti qieghed

jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni li jidhirlu xierqa u opportuna, jordna lill-intimat sabiex ihallas is-somma ta’ elfejn, sebgha mija, tmienja u ghoxrin ewro, hamsa u erbghin centezmu (€2,728.45c) oltre l-imghax legali lill-esponenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 404/15 pprezentat kontestwalment ma’ din it-Talba kontra l-intimat li minn issa ingunt ghas-Subizzjoni.

Ra d-dokument li gie pprezentat mal-Avviz tat-Talba, u li gie mmarkat Dok.‘A’.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elfejn, sebgha mija, tmienja u ghoxrin ewro, hamsa u erbghin centezmu (€2,728.45c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------